MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1266/1982/1

Joseph Caruana
vs
Philip Fenech

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Billi bi ftehim tal-25 ta' Marzu 1981 il-kontendenti kienu ghamlu ftehim dwar il-kostruzzjoni ta' Villa f'Saint Andrews appartenenti lil certu Giuliano Vella; u

Billi x-xoghol ta' kostruzzjoni materjalment ittiehed fl-idejn u l-istess konvenut beda jhallas lill-attur akkont tax-xoghol li kien qed isir liema pagamenti akkont kienu jammontaw ghal Lm4475; u
Billi l-istess konvenut bla ebda raguni valida skond il-ligi qabad u rrexinda unilateralment il-ftehim li kien ezistenti

waqt li x-xoghol kien ghadu sejjer fil-kostruzzjoni tal-Villa msemmija; u

Billi l-attur ma giex imhallas ghax-xoghol u materjal kollu li kien ghamel barra mill-fatt li gie mtellef milli jaghmel il-qliegh li kien messu ghamel kieku baqa' sejjer bix-xoghol kif miftiehem; u

Billi meta ma thalliex jitkompla l-ftehim imsemmi l-attur halla ghodda li sallum ghadha ma gietx lilu moghtija lura; u

Billi mhux aktar possibbli li titkompla l-assocjazzjoni li kienet stabbiliet ruhha bl-iskrittura msemmija;

Talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut ma kellu ebda dritt li jikser il-ftehim imsemmi.

2. Tillikwida l-ammont ezatt ta' flus dovuti lill-attur ghall-materjal u ghax-xogholijiet li ezegwixxa mill-istess appalt u li taghha ghadu ma thallasx (naturalment bit-tnaqqis tal-pagamenti li saru) u fl-istess hin ukoll li tillikwida l-assocjazzjoni li kien hemm ezistenti bejn il-kontendenti sakemm din ma gietx itterminata bil-mod imsemmi, dan jekk hemm bzonn permezz ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

4. Tghaddi halli tillikwida dik is-somma li talvolta hija dovuta lill-attur billi ma thalliex ikompli x-xogholijiet skond il-ftehim li kellhom bejniethom.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata.

6. Tipprefiggi terminu lill-konvenut biex jikkonsenja lura lill-attur dik l-ghodda li l-istess konvenut zamm ghandu u li sallum ghadu jiddetjeni.

7. U in difett li jaghmel dak li jissemma fl-ahhar paragrafu biex jigi kkundannat ihallas lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita` bhala l-prezz gust u reali ta’ dik l-ghodda hekk mizmuma.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Mejju 1982 u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentat mill-attur.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Philip Fenech li eccepixxa:
Illi qabel xejn qed jigi stabilit illi l-partijiet tlewmu u nfirdu skond kif mahsub fil-paragrafu (f) tal-ftehim tal-25 ta’ Marzu 1981 u b’hekk m’hemmx kwistjoni ta’ likwidazzjoni tal-assocjazzjoni jew likwidazzjoni ta’ somma billi ma thalliex ikompli x-xogholijiet li huma zewg talbiet involuti f’xulxin. Dan ma kienx il-kaz ta’ relazzjoni appaltant – appaltatur.

Illi inoltre l-attur diga` thallas tax-xoghol kollu li esegwixxa sa meta spiccat l-assocjazzjoni fil-5 ta’ Frar 1982. Difatti ha l-ghodda tieghu u b’hekk mhix veritiera l-allegazzjoni illi l-konvenut zamm xi ghodda proprjeta` tal-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li eccepixxa:

Illi bla pregudizzju ghall-eccezjonijiet gia intavolati, il-procedura proposta mill-attur hi ritwalment nulla in kwantu fil-kaz ta’ assocjazjoni in partecipazzjoni wara x-xoljiment mhix dik tal-likwidazzjoni izda tar-rendiment tal-kontijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li eccepixxa:

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja' moghtija huwa necessarju u anzi sancit li fil-likwidazzjoni ta' kull bilanc talvolta dovut ma jigux ecceduti l-prezzijiet stabbiliti b'ligi espressa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Xehed l-attur li qal ghandu 23 sena u kien jahdem fil-bini bhala lavrant, pero' qatt ma kien hadem mal-konvenut. Semma li darba kienu qed jitkellmu hu u l-konvenut u dan staqsieh imurx mieghu bi shab u qallu iva, u in segwitu saret l-iskrittura esebita a fol 4, li kien jirreferi ghal bicca xoghol specifika, ghall-bini tal-villa ta' Vala.  Spjega li fil-bidu kienu qed jahdmu hu u l-konvenut biss u mbaghad qabbdu lavrant Leli Zerafa.  Qal li hu kellu x'jaqsam biss max-xoghol tal-gebla u ma kellux x'jaqsam ma' blajjet anqas.  Semma li l-Perit kien A.I.C. Sapienza u qal li l-flus kien itihomlu l-konvenut, meta jircievi minghand Vella. Qal li qatt ma ra kontijiet tal-bini u l-konvenut kien jghidlu li ha l-akkonti minghand Vella u kien jaqsam il-bilanc u meta kien isir xoghol tal-konkos il-konvenut kien ihallsu bhala lavrant bil-gurnata, apparti mis-somma ta' Lm4475.

Spjega li meta kienu nfirdu kienu saqqfu l-'basement' u l-pjan terran u kienu bdew xi haga fis-sular ta' fuq.  Qal li hu ghad irid jithallas ta' meta nfirdu u halla 72 vjagg gebel u nofshom kien hallashom hu u meta nfirdu hallihom warajh,

kif ukoll il-qliegh tax-xoghol li kien sar billi dan kien jeccedi l-akkonti li kien tah il-konvenut u l-materjal li kien hallas jew gie imputat lilu, u l-'mancato guadagno' fuq il-bqija tal-kostruzzjoni. Semma li meta dahhal l-Lm4475 dawn kienu n-nofs ta' dak li skond il-konvenut kien ircieva minghand Vella. Qal li minn dawk l-akkonti kien jaqtaghlu s-sehem tieghu mill-ispejjez. Qal li filghodu kien imur ghall-konvenut u kienu jitilqu flimkien fil-karozza tal-konvenut.

Spjega li darba mar u qallu li mhumiex sejrin u qallu li kellu problema mas-sinjur u l-ghada qallu "ghalissa xejn" u baqa' ma kienx jaf x'kienet il-kwistjoni mas-sid, u xi granet wara l-konvenut qallu li daqshekk se jkomplu flimkien, u ghamlu l-kejlijiet huma minghajr il-prezenza tal-perit u sar jaf iktar li bhala fatt, il-konvenut wara kompla x-xoghol wahdu. Qal li hu kien mar ikellmu lill-avukat u fl-1982 saru zewg ittri ufficjali ghall-likwidazzjoni u pagament izda l-konvenut baqa' ma rrispondiex. Esebixxa l-ittri a fol 170 u 171 fejn il-konvenut kien qed jigi mitlub jirrestitwixxi l-ghodda personali tieghu u sabiex jaqsmu l-ghodda li kienu xtraw bi shab. Qal ukoll li oltre l-eccezzjonijiet ma rcieva l-ebda flus jew salarju iehor oltre l-Lm4475.

In kontro-ezami l-attur qal li qabel saret l-iskrittura esebita ma kellu l-ebda konnessjoni mal-konvenut u l-ftehim li jkunu shab, qal li kien fuq ix-xoghol kellu tal-gebel izda l-konkos kien eskluz. Qal li ma kienx minnu li meta saret l-iskrittura l-pedimenti kienu saru mill-konvenut. Hu sostna li beda mieghu mill-bidu nett u nsista wkoll li s-singlu hu nkluz ukoll fil-ftehim flimkien mad-doblu. Qal li matul il-kors tax-xoghol hareg spejjez ghall-materjal hekk kif jirrizulta mill-pitazzi u fil-fatt il-konvenut kien jiffirmalu fuq il-pitazz. Qal li gieli jahdmu wehidhom u gieli kien ikun hemm lavrant maghhom izda qal li mhux jitlob xejn ta' xi haddiema li hallas. Zied ighid li apparti l-Lm4475 li rcieva minghand il-konvenut ma rcieva xejn izjed. Qal li mis-27 vjagg li halla fuq il-post il-konvenut ried ihallas nofshom ghax dawn kienu kollha hallsuhom bejniethom. Kompla jghid li mhux minnu li meta dahal fix-xoghol hu, l-'basement' kien lest u qabel dahal bi shab ma kienx lavrant mal-konvenut. Semma li minbarra l-ftehim li sar

quddiem in-nutar Said ma sarx ftehim iehor bil-miktub. Qal li meta nfirdu ghall-habta ta' Frar 1982 kien hemm l-'groundfloor' lest, u kienu bdew l-ewwel sular. Zied ighid li ktieb tax-xoghol bhala lavrant ma kellux, kellu dawk ta' "self employed".

Xehed <u>Felic Caruana</u> missier l-attur li qal jaf li f'xi zmien ibnu kien jahdem ma' Philip Fenech. Qal li darba mar biex imur ghax-xoghol ma' Fenech izda ibnu rega' lura d-dar u ma marru xejn. Zied ighid li darba mar ma' ibnu u ma' Fenech biex ikejlu x-xoghol fejn semaghhom jiftehmu fuq il-gebel li ma kienx imqieghed.

Xehdet <u>Josephine Vella</u> li qalet ghandha binja, villa go High Ridge St. Andrews. Qalet li l-konvenut kien il-kuntrattur li inkarigaw u ghamlu ftehim bil-miktub dwar prezzijiet ghand il-Perit Joseph Sapienza. Qalet li taf li l-attur kien jahdem fil-bini taghhom mal-konvenut u bnew fi plot 2. Semmiet li l-attur u l-konvenut hadmu flimkien il-'boundary wall', il-'basement', il-'ground floor' kollu, gebel minguz, il-bir, is-'swimming pool'. Ziedet tghid li f'xi zmien l-attur kien kellem lil zewgha u qallu li kien diga spicca minn mal-konvenut. Semmiet li hi osservat l-assenza tal-attur u qalulha li l-attur ma kienx ghadu mal-konvenut u li l-attur qal li l-konvenut ma hallsux. Qalet li meta waqaf l-attur ix-xoghol kien baqa' ghaddej.

Xehed l-<u>A.I.C. Joseph Sapienza</u> li qal Julian Vella inkarigah biex jehodlu hsieb il-bini tal-villa in kwistjoni. Semma li sar ftehim tal-prezzijiet bejn sid il-villa u l-konvenut u jaf li l-attur kien impjegat mal-konvenut fuq dan ix-xoghol. Qal li l-attur kien qallu li kellu kwistjoni mal-konvenut dwar kejlijiet u meta waqaf jahdem l-attur il-bini kien bejn il-'basement' u l-pjan terran. Zied ighid li wara l-ewwel ftehim, sar ftehim iehor fejn ftehmu dwar prezzijiet bejn il-konvenut u s-sid, u dan minhabba li zdiedu r-rati tal-gebel minhabba zieda fil-materjal. Kien sar ftehim iehor fil-11 ta' Marzu 1982 li bih gew miftehma li l-prezzijiet ghall-kejl tal-pjan terran, jibqghu l-istess bhal dawk tal-basement fejn kienu dahlu wkoll xi items godda u d-doblu tas-sular ta' fuq zdied a bazi ta' zieda fil-materjal.

In kontro ezami qal li ghas-sid u ghalih il-kuntrattur tax-xoghol kien il-konvenut biss. Qal li hu kellu x'jaqsam ma' Fenech u kejjel fil-prezenza ta' Fenech u s-sid.

Xehed il-konvenut bennej licenzjat numru 362 li qal li hu jaghmel xoghol ghal rasu u Vella kien qabbdu jibnilu l-villa f'St Andrews. Qal li hu kellu impjegati mieghu lill-attur, Leli Zerafa u ohrajn. Qal li l-Perit kien Joe Ellul Vincenti u l-Perit Sapienza siehbu. Qalet li l-villa kienet 'fully detached' u bis-'swimming pool'. Zied ighid li l-attur kien impjegat mieghu sa meta ghamlu l-pedament kollu u l-'boundary wall' u r-radam u qal li ftehmu bi skrittura li jtih ix-xoghol tad-dobbli kif hemm pattwit. Spjega li nqalghu kwistjonijiet bejniethom u qal li kellu r-responsabbilta` ta' xoghlu u ma bediex isegwi d-direzzjonijiet tieghu. Qal li l-attur kien ha l-ghodda u tah lura c-cavetta. Qal li kejlu flimkien ix-xoghol li kien lahaq ghamel u kien hemm anki missier l-attur, u tah certu flus li hu accetahom. Semma li wara mar sabu u qallu li kien sar idahhlu l-Qorti ghax ried jithallas tal-villa kollha, anki ta' dak li ma kienx ghamel.

In kontro ezami qal li Giljan Vella kien sab lilu u ghamel kuntratt ta' appalt u l-attur ma kellu x'jaqsam xejn. Qal li l-attur gieli kien impjegat mieghu bil-gurnata u gieli bl-imqieta u dan in partikolari ghall-villa ta' Vella. Spjega li skond l-iskrittura bejnu u l-attur, il-gebel, hnejjiet u xahx kellhom jaqsmuhom nofs bin-nofs u fil-fatt ma lahqux l-istadju tax-xahx u l-prezz tad-dobblu kif hemm fl-iskrittura gie segwit il-hin kollu.

**KONKLUZJONIJIET:**

A] Dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut li l-procedura proposta mill-attur hi ritwalment nulla in kwantu ***fil-kaz ta' assocjazzjoni in participazzjoni wara xoljiment m' ghandhiex tkun dik tal-likwidazzjoni izda tar-rendikont tal-kontijiet*** din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Frar 1994 wara li qieset li din l-eccezzjoni hija dilatorja u ta' natura procedurali u preliminari u saret kwazi ghaxar snin wara li gew intavolati l-eccezzjonijiet originali. Il-Qorti hasset li si trattava ta' appalt intrapriz mill-konvenut li fih issieheb l-attur taht kundizzjonijiet stipulati, liema ftehim partikolari kien wiehed 'sui generis' u ma kienx jammonta

ghal vera u propja assocjazzjoni in participazzjoni. A tenur tal-Artikolu 728 tal-Kap 12 fil-kawzi li jsiru b' citazzjoni l-eccezzjonijiet dilatorji ghandhom jinghataw fil-bidu tad-difiza u f' dan il-kaz ir-raguni tal-eccezzjoni ulterjuri ma nqalghetx fil-kors tal-kawza u ghalhekk il-Qorti irrespingiet l-eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjez kontra l-konvenut filwaqt li ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

B] ***Mertu tal-kaz***.

Il-Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace u l-Perit Tekniku Michelangelo Refalo pprezentaw ir-rapport taghhom u fih ikkonkludew li:

38. "L-esponenti jibdew biex josservaw li l-ewwel ma trid tigi precizata hi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti:-

a. Minn naha wahda l-attur jghid li hu kien shab mal-konvenut fuq bazi ta' 50:50 fir-rigward tax-xoghol tal-gebel kollu kemm hu b'mod li fejn jidhol xoghol ta' konkos, jekk kien jippartecipa kien jithallas ta' lavrant. Izid jghid l-konvenut jonqsu jhallsu (a) sehmu mill-qliegh (50% tal-intier) minn meta qallu ma jmurx aktar fuq il-lant (Frar 1982) sa ma tlesta x-xoghol u (b) ta' gebel li kien halla warajh – daqs 72 vjagg – u li uzufruwihom il-konvenut u minnhom ghamel gwadann in kwantu dawn intuzaw ghall-bini tal-villa.

b. Il-Konvenut jghid lil lill-konvenut m'ghandu jtih xejn billi (1) "meta ma kienx ikun jithallas bl-imqieta, kien jithallas bil-gurnata ghax kien impjegat mieghi;" (b) lill-attur baghtu ghax ma kienx isegwi d-direttivi tieghi. Jaqbel izda li l-attur kien involut fix-xoghol tal-villa sa mill-bidu nett. (Seduta Peritali Nru 22). Huma ma spiccawx bi glied (ibid).

39. Hawn jigi osservat li taht ezami ghandna r-relazzjoni bejn il-kontendenti biss. Jigifieri kull ftehim vigenti bejn il-konvenut u Vella hu estraneju ghal dak miftiehem bejn il-kontendenti.

40. L-esponenti huma soddisfatti li l-attur qatt ma kien lavrant tal-konvenut (apparti xi tfisser xoghol bl-imqieta fil-konkos). F'dan ir-rigward

a. l-attur qatt ma kellu ktieb tax-xoghol bhala mpjegat izda kellu dak ta' "self-employed" – indipendament minn min kien effettivament ihallas il-kontribuzzjoni tal-Assikurazzjoni Nazzjonali.

b. Qatt ma ssemmiet paga bhala tant fil-gimgha jew fix-xahar (minn ebda naha) u ma tistax tifred il-koncett ta' "mpjieg" minn paga.

c. Il-konvenut semma li ghandu notamenti dwar hlasijiet li ghamel lill-attur pero dawn baqa ma esibihomx.

41. L-iskrittura Dok A hi datata 25.03.81. Pero` x-xoghol beda xi ftit qabel u l-konvenut ammetta li l-attur kien involut sa mill-bidunett. Mhiex haga qatt ma grat li tnejn minn nies jiftiehmu verbalment dwar bicca xoghol jew negozju u l-kitba (skond kif miftiehem) issir xi zmien – granet jew sahansitra ftit izjed – wara, iktar u iktar trattandosi ta' girien u hbieb. In fatti anke meta spiccaw ir-relazzjoni tax-xoghol, il-kontendenti m'ghamlux dan bil-glied.

42. Ta' min isemmi li z-zewg xhieda barranin, il-perit Sapienza u Josephine Vella ma setghu jitfghu ebda dawl fuq ir-relazzjoni bejn il-kontendenti. Minn naha taghhom huma qabbdu jew inkarigaw lill-konvenut. Lill-attur rawh fuq ix-xoghol ghal certu zmien u mbaghad qatgha. Iktar minn hekk ma setghux jghidu u dan ma hu xejn sorprendenti.

43. Fid-Dok A l-ewwel ma nsibu hu li l-konvenut kien ha b'appalt ix-xoghol tal-bini ta' Vella. Dan iwettaq dak li ntqal fil-paragrafu precedenti u kien preordinat ghall-ftehim ta' shab.

44. L-istess Dok A jsemmi x-xewqa ta' l-attur (accettata mill-konvenut) li jippartecipa mieghu (*ipsissimis verbis*) fil-bini ta' Vella. Naturalment tali partecipazzjoni tfisser shubija u mhux mpjieg.

45. Din l-iskrittura turi:-

a. L-eskluzjoni tal-attur mill-partecipazzjoni *qua* shab fix-xoghol tal-konkrit.

b. Is-shubija fil-bqija, i.e. xoghol tal-gebel.

c. Ghalkemm ma jissemmiex specifikament, johrog naturali li s-shubija kienet fuq bazi ta' 50:50 darba li ma jissemmiex xort'ohra.

46. Dwar xoljiment (apparti dak naturali meta jintemm ix-xoghol) waqt li x-xogholijiet kienu ghaddejjin ma nsibu xejn hlief:

i. li jekk il-kontendenti jigu biex jinfirdu, kulhadd jiehu l-ghodda tieghu

ii. jekk xi hadd mill-kontendenti "jonqos li jmur ghax-xoghol, ikun tenut u obbligat, kif bil-presenti qieghed jobliga ruhu li jhallas lill-parti l-ohra ossia siehbu paga ta' haddiem ghaz-zmien kollu li ma jmurx ghax-xoghol."

47. Din l-ahhar kondizzjoni (1(g) tad-Dok A) hi mportantissima billi:

tikkreja parita assoluta bejn il-kontendenti kif jirrizulta (a) minn konsegwenzi ugwali ghal min mill-kontraenti ma jmurx ghax-xoghol u (b) mill-uzu tal-kelma "siehbu" bla ebda kwalifika ohra.

48. minn dan jitnissel li hadd ma kien superjuri ghall-iehor u hadd ma sata sommarjament jghid lill-iehor biex jitlaq.

49. Il-partijiet ma tlewmux u nfirdu skond kif mahsub fil-paragrafu (f) tad-Dok A bhalma tressaq mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni – liema eccezzjoni ghandha tigi rigettata.

50. Il-konvenut ma kellu ebda dritt jghid “itlaq” lill-konvenut. Bhala raguni il-konvenut qal li l-attur ma bediex jobdi d-direzzjonijiet tieghu. Erba kelmiet li b’ebda mod ma gew gustifikati! Mank *bidu* jew *ombra* ta’ gustifikazzjoni!

51. Kieku l-konvenut avanza ragunijiet serji u pruvati ghala s-shubija ma setghetx tkompli (anke fid-dawl tal-obbligi tal-konvenut vis-a-vis sid il-villa) kieku wiehed kien irid jidhol biex jara xi drittijiet sata kellu l-konvenut minn dan l-aspett vis-a-vis l-attur. Setax jaqbad u, unilateralment, lill-attur jghidlu “itlaq”, izda dan ix-xenarju ma nholoqx.

52. L-attur b’ebda mod m’accetta ix-xoljiment tal-ftehim u rinunzja ghad-drittijiet lilu spettanti, si et quatenus, mill-imgieba tal-konvenut. Il-fatt li ltaqghu l-Hadd u tkejjel ix-xoghol esegwit sa allura, u l-fatt li l-attur accetta xi flus, u l-fatt li nfirdu *bla glied* (kif jghidu t-tnejn) ifisser biss imgieba civilizzata, b’mod li ma ghandha b’ebda mod tfixkel jew tostakola lill-attur fit-tfittxija tad-drittijiet tieghu. Rinunzja ta’ dritt trid tkun cara u tonda, trid tkun b’mod specifiku u mhux haga “presunta” minn imgieba civili u “bla glied” ta’ min jippretendi dritt favuru.

53. Fil-fehma tal-esponenti l-attur ghandu dritt jitlob hlas taht ir-ras ta’ telf ta’ qliegh ossia “mancato guadagno” apparti l-prezz ta’ nofs 72 truck gebel.

54. Hawn tqum il-problema tal-kwantifikazzjoni. Izda tali problema m’ghandiex twassal lid-decident milli joqghod lura u ma jasalx ghall-konkluzzjoni. Hawn hu tassew applikabbli il-principju li *l’ottimo e’ il nemico del bene!* Id-decident irid juza prudenza u kawtela kbar u jorbot ma’ dak il-minimu assolut li jgieghel lid-decident ikun konvint moralment li dak il-minimu hu zgur dovut, b’mod li jekk ikun hemm nuqqas dan ikun favur l-obbligat u mhux kontra. Dana fin-nuqqas ta’ provi precizi.

55. Hawnhekk jigi rilevat:

a. il-konvenut (bhala obligat) ma ppresenta ebda notamenti

b. hu rrifjuta li jisvela x'dahhal minghand sid il-villa

56. Ma jidhirx ghalhekk li hu opportun li jsiru kolkalazzjoniijiet matematici fuq bazi ta' kejl. Il-Gustizzja izda titlob li "arbitrio boni viri", il-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1500 ghal "mancato guadagno" u Lm153 ghal nofs 72 truck gebel tal-kantun, kalkolati bl-Lm4.25 kull vjagg.

57. Dak migjub f'din it-Taqsima, jipprovdi ghall-ewwel hames talbiet. Dwar it-tnejn l-ohra, ma ngiebet ebda prova soddisfacenti."

Il-konvenut Philip Fenech sostna li indiskutibilment ir-rapport guridiku bejn il-kontendenti huwa regolat mill-iskrittura tal-25 ta' Marzu 1981. F'dan il-kuntratt 'sui generis' hemm mahsub is-segwenti aspetti ta' interess li jghoddu ghall-kaz:

i) il-ftehim bejniethom relattiv ghall-bini ta' villa partikolari kien limitat ghax-xoghol tal-gebel biss.
ii) Il-ftehim jippreciza r-rati ghall-prezz ta' xoghol fuq il-gebel u jipprovdi wkoll ghall-ispartizzjoni bejn il-kontendenti tal-ispejjez ta' l-istess gebel.
iii) L-attur ma kellux jippartecipa fix-xoghol u fil-qliegh tax-xoghol tal-konkrete.
iv) Il-ftehim jinkludi wkoll klawsoli dwar l-ghodda, l-uzu taghhom u ta' ingenji u makkinarju, l-irtirar tal-ghodda f'kaz ta' firda, u regolamentazzjoni dwar hlas f'kaz li wiehed minnhom jonqos li jmur ghax-xoghol.

F'dan l-istadju tal-proceduri il-konvenut sostna li ma jistax jinghad li kien hemm krejazzjoni ta' "socjeta`" definita mill-ligi, ex Artikolu 1644 tal-Kodici Civili, bhala "kuntratt li bih tnejn minn nies jew izjed jiftehmu li jqieghdu xi haga in komuni sabiex jaqsmu l-qliegh li b'hekk jistghu jiehdu". Il-partijiet ma gabu l-ebda proprjeta` komuni fis-shubija ta' bejniethom u l-ftehim, kif inghad, kien cirkuwit biz-zmien limitatament ghall-bini ta' villa specifika, u nsista li hawn "non si tratta" ta' socjeta` regolari li ghaliha kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili "Fuq il-

kuntratt ta' Socjeta`" Titolu X – Artikoli 1644 – 1688, kif hekk ghall-kuntrarju kienu l-fatti partikolari fil-kaz fl-ismijiet: "Victor Dingli et vs Consiglio Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Civili, 29 ta' Jannar 1971. L-anqas ukoll il-fattispecji fil-kaz in disamina ma ghandhom xebh mal-fatti essenzjali u partikolari tal-kaz "Anthony Catania et vs Cecil Diamantino et noe", Qorti Kummerc per il-kompjant Imhallef George Schembri deciza fit-23 ta' April 1979 ghal-liema dik il-Qorti applikat in-normi tal-figura guridika ta' "assocjazzjoni in partecipazzjoni" kif kienet regolata mill-Artikolu 168 sa 175 tal-Ordinanza X tal-1962 dwar Socjetajiet Kummercjali. Ghalhekk hawn il-konvenut ha linja totalment l-oppost ta' dak li kien sostna fl-eccezzjoni ulterjuri. Semma li in konsegwenza ghal dan kollu, u saret kif saret it-terminazzjoni tal-komunjoni ta' interess fir-rigward tax-xoghol tal-gebel, l-attur kien intitolat jithallas ghal-lavorazzjoni li huwa lahaq ghamel. Effettivament ix-xoghol tkejjel bejn il-partijiet wara t-terminazzjoni tal-komunjoni u l-attur thallas. Dan ma jfissirx pero` li huwa jibqaghlu xi dritt jikkonsegwixxi hlas ghat-telf ta' qliegh ossija "mancato guadagno" talli ma thalliex jikkontinwa x-xoghol tal-gebel, liema xoghol del resto gie kontinwat u terminat mill-konvenut.

Minn naha tieghu l-attur sahaq fuq il-kliem "jippartecipa" u "siehbu". Zied li l-limitazzjoni ta' zmien ta' shubija tal-kuntratt kien sempliciment dovut ghall-fatt tal-iskop tal-istess kuntratt.

Fil-fehma tal-Qorti kien hemm kuntratt ***sui generis*** li pero` stipula li fir-rigward ghax-xoghol tal-gebel il-partijiet kienu shab bin-nofs. Dwar xoghol ta' konkos l-attur jekk jippartecipa kien jithallas ta' lavrant. Irrizulta b' mod car li l-attur b' ebda mod ma kien impjegat jew lavrant mal-konvenut u anzi kellu l-ktieb tax-xoghol ta' self employed. L-attur ma kellu ebda paga mal-konvenut. Irrizulta li l-attur kien involut fix-xoghol mill-bidu nett. Jidher ukoll li l-attur kien jattendi regolarment ghax-xoghol sakemm il-konvenut waqqfu.

Dan kollu jwassal li skond il-ftehim bejn il-kontendenti hadd ma kien superjuri ghall-iehor u kienu shab fix-

xoghol. Ma rrizultat ebda raguni valida ta' glied. Anqas ma rrizulta fil-kors tal-kawza li l-attur xi zmien minnhom accetta x-xoljiment tal-ftehim jew li kien hemm rinunzja da parti tieghu ghal dak li ghamel. Rinunzja infatti trid tkun cara u b' mod specifiku u ma tistax tkun prezunta. Il-Qorti thoss li l-attur kellu dritt jitlob ghat-telf ta' qliegh (mancato guadagno) u l-Qorti bilfors li trid tasal ghal decizjoni 'arbitrio boni viri' u ma thossx li hemm raguni valida li tvarja l-konkluzjoni milhuqa mill-periti nominati u cioe` ghas-somma ta' Lm1500. F' dan is-sens tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li ma rrizultat ebda tilwima kif stipulat fil-paragrafu F tal-ftehim tal-25 ta' Marzu 1981 kif issemma fuq ma kienx kaz ta' relazzjoni appaltant/appaltatur izda shubija 'sui generis' kif 'del resto' sostna l-istess konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu.

Ma rrizulta ebda raguni valida ghaliex il-konvenut kellu jikser il-ftehim izda fil-fatt dan irrizulta u ghalhekk tilqa' l-ewwel talba.

Dwar it-tieni talba tillikwida l-ammont ta' flus dovuti lill-attur fis-somma ta' Lm1500 bhala 'mancato guadagno' u Lm153 ghal nofs 72 trakk gebel tal-kantun kalkulati bil-Lm4.25 'il vjagg. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut li l-attur diga thallas tax-xoghol kollu li ezegwixxa sa meta spiccat l-assocjazzjoni fil-5 ta' Frar 1982 ghax infatti ma saru xejn provi dwar dan l-aspett u anzi rrizulta li ma kien sar ebda hlas lill-attur tal-'mancato guadagno'.

Ghall-istess ragunijiet tilqa' t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1500 u Lm153 b' kollox Lm1653.

L-attur talab ukoll li tigi konsenjata lura l-ghodda li l-konvenut zamm ghandu kif ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur somma stabbilita jekk dan ma jsirx. Izda l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali li ma ngabet ebda prova sufficjenti dwar dawn l-ahhar zewg talbiet u ghalhekk tichadhom.

Ghal dawn il-motivi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1653 u dwar l-ispejjes tipprovdi li l-konvenut ihallas 4/5 tal-ispejjez waqt li l-attur ihallas 1/5 (kwint) tal-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------